MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 11

21 ta' Ottubru 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 11 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Tressqu l-minuti tas-Seduti Numri 9 u 10 li saru fis-16 u l-25 ta' Settembru 2008, rispettivament.

1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-minuta 11.5. **(Ref: A/6/7/Vol II)** tas-seduta Nru. 9 u talab li tinqara hekk:

*"Dwar il-klawsola 7, is-Sur J. Azzopardi ppropona li titneħħa l-frażi "citizens of a Member State of the European Union" u minflokha jidħlu "the public". Il-Kunsill approva din l-emenda.".*

1.3. L-istess kunsillier irrefera għall-aħħar parti tal-minuta 14.4. (Ref: A/6/1) tas-seduta Nru. 10 u talab li din tinqara kif ġej:

- *"Clubhouse fi Triq l-Armier bejn Triq il-Marfa u Triq Ta' Msid.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta 9 u 10 ġew approvati u iffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Estensjoni tal-lukanda Ramla Bay (P/5/8/R)

2.1.2. Saret referenza għal ittra datata 26 ta' Settembru 2008, mibgħuta mill-MEPA dwar it-talbiet li saru mill-proprjetarji tar-Ramla Bay Hotel sabiex ikabbru il-lukanda b'102, jżidu l-faċilitajiet u jsir *landscaping* skond kif mitlub fl-applikazzjonijiet tagħhom - PA 5688/06 u PA 464/08. Fl-ipproċessar tat-tieni talba, il-MEPA talbu lill-applikanti jissottmettu *management plan* dwar l-art li tinsab qabel id-daħla għall-istess lukanda.

2.1.3. Is-Sindku qal li fis-16 ta' Ottubru saret laqgħa mal-periti nkarigat mill-proġett – M.P. & D.C. Ltd, flimkien mal-proprjetarju s-Sur Tarcisio Galea. Għan-naħa tal-Kunsill attenda s-Sindku R. Cutajar, il-Kunsillier J. Buttigieg u s-Segretarju C. Debono.

2.1.4. Fl-istess laqgħa sar magħruf li l-MEPA qed tesiġi li l-iżviluppatur jagħmel garanzija bankarja ta' €30,000 bil-għan li jiġi żgurat li l-*management plan* jkun osservat. L-iżviluppatur minn naħa l-oħra appella għall-appoġġ tal-Kunsill sabiex din il-garanzija bankarja tispiċċa u l-manutenzjoni jagħmilha l-Kunsill, peress li l-art ser tibqa' aċċessibbli għall-pubbliku. Il-MEPA qed tesiġi li l-iżviluppatur jagħmel *Planning Contribution* li l-iżviluppatur qed jappella li għandha tintuża mill-istess Kunsill biex titjieb id-dehra fid-daħla tal-lukanda.

2.1.5. Is-Sindku kkummenta li kemm-il darba l-MEPA titlob Planning Contribution li tmur fil-Fond għat-Titjib Urban, il-Kunsill m'għandux ikun marbut fejn jonfoq dawn il-flus. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li kellha ssir laqgħa oħra dwar dan ma' uffiċjali tal-MEPA illi huwa ma setax jattendi minħabba inpenji oħra.

2.1.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li t-tkabbir tal-lukanda ser iġib miegħu żieda fid-domanda għall-parking fuq l-art li l-iżviluppaturi qed jitolbu lil Kunsill sabiex jagħmel il-manutenzjoni tagħha. Huwa kkummenta li ma jaqbilx illi l-Kunsill għandu jitgħabba b'dan il-piż meta hija l-lukanda stess li primarjament ser tibbenefika mill-benefikati li jsiru.

2.1.7. Il-Kunsill qabel ma' l-opinjonijiet espressi fil-minuti 2.1.5. u 2.1.6. aktar 'il fuq.

### 2.2.1. Kamra tas-Sajjieda (P/4/4/Vol IV)

2.2.2. Saret referenza għal *e-mail* mibgħut minn Dr Anthony Gruppetta – Direttur tat-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fejn wera li jaqbel u japprova li l-kamra magħrufa bħala "id-Dwana ta' Dawret it-Tunnara" fl-Għadira tista' tintuża mis-sajjied, sakemm il-Kunsill Lokali jieħu ħsiebha u jikkontrolla li ma ssirx ħsara. Għaldaqstant talab li l-Kunsill joħloq sistema dwar kif is-sajjeda lokali jkunu jistgħu jużawha sakemm il-Kunsill iżomm iċ-ċwievet.

2.2.3. Is-Sindku għarraf li ċ-ċavetta nbidlet u fil-fatt tinsab għand il-Kunsill. Huwa qal ukoll li qed tinġabar lista ta' sajjieda li kienu jagħmlu użu mill-kamra. Meta jsir dan, wieħed għandu jara jekk ikunx possibbli li l-ispazju tal-kamra jinqasam bejniethom. Bħalma jsir fil-każ taċ-ċimiterji, iċ-ċavetta dejjem għandha tittieħed u ritornata fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Ġbir ta' skart tal-ħwienet fi Triq Ġorġ Borg Olivier (C/6/Vol V)

2.3.2. Saret referenza għal e-mail mibgħut minn Miriam Bartolo f'isem il-Mellieħa Pharmacy fejn qed titlob li l-ġbir ta' l-iskart mit-triq imsemmija jibda jsir wara t-8.30am, hekk kif jitfħu l-ħwienet.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ħinijiet attwali tal-ġbir ta' l-iskart għandhom jinżammu, peress li jekk dawn ikunu aktar tard, tiżdied il-konġestjoni tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

### 2.4.1. Servizzi klerikali permezz ta' sejħa għall-offerti (P/7/1/Vol VIII)

2.4.2. Saret referenza għall-Memo 27/2008 datat 29 ta' Settembru 2008 mibgħut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn ingħad li l-proċess ta' konsultazzjoni dwar ir-riforma tal-Kunsilli lokali wasal fi stadju avvanzat u nbeda l-proċess ta' l-analiżi li għandu jwassal għall-bidliet meħtieġa. L-istess Memo jgħid ukoll li b'effett immedjat u sakemm jingħata avviż ieħor l-ebda Kunsill Lokali ma jista jixtri jew b'xi mod ieħor jagħmel użu minn persuni fuq xogħl klerikali sakemm mhux skond kif provdut fl-artikolu 53 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Din id-direttiva ma tapplikax għal dawk l-arranġamenti li fil-preżent huma disa mibdija. Fejn hemm kuntratti eżistenti u dawn jiġu fi tmienhom ma għandhomx jiġu mġedda sakemm ma tingħatax l-approvazzjoni tad-Dipartment.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-istruzzjonijiet mogħtija.

### 2.5.1. Ipparkjar fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol X)

2.5.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 18 ta' Settembru 2008, mibgħuta minn ħdax-il residenti ta' Triq Snajjin, li joqgħodu fil-parti li tinsab bejn Triq il-Ħasira u l-parti l-wiesgħa, fejn hemm il-parkeġġ aktar 'l isfel. L-istess residenti talbu li jiġi pprojbit il-*parking* faċċata tal-garaxxijiet tagħhom billi t-triq hija dejqa.

2.5.3. Filwaqt li l-Kunsill osserva li restrizzjonijiet simili ġew introdotti fl-istess triq, kien hemm qbil li minn iffirma l-petizzjoni għandu jkun konxju li bis-sinjali mitluba ħadd ma jkun jista' jipparkja, inkluż l-istess residenti.

### 2.6.1. Kompetizzjoni fotografika (K/7)

2.6.2. Saret referenza għall-attività li saret fl-Arches Restaurant fit-12 ta' Ottubru 2008, fejn saret l-aġġudikazzjoni tax-xogħol imressaq minn erbatax-il kompetitur. Ir-rebbieħa kienu kif jidher hawn taħt:

| | **Kategorija Monochrome** | **Kategorija Kulur** |
|---|---|---|
| **L-Ewwel post** | Anthony Vella | Christopher Azzopardi |
| **It-Tieni Post** | Cocks Leonard | Anton Cini |
| **It-Tielet Post** | Leslie Vella | Anthony Vella |

2.6.3. Kien hemm kumment li n-numru ta' kompetituri forsi kien ikun ikbar kieku ż-żmien ta' l-egħluq kien itwal. Dan ma kienx possibbli peress li l-aġġudikazzjoni saret minn fotografi minn Cavriglia l-Italja li kienu Malta għal żmien limitat.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 12/09/08 – 15/10/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 28/08/08 – 16/09/08
- *Purchase Request Form* – 21/10/08
- Skeda ta` ilmenti - 0556/08 – 0666/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Laqgħa ta' konsultazzjoni fil-Manikata dwar l-abbozz tal-Ħal Ferħ Development Brief – 08/10/08
- Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) mill-Udituri - Sena Finanzjarja 2007/2008
- Tweġiba tal-Kunsill għall-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2007/2008

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Immaniġġjar ta' artijiet fl-inħawi ta' Aħrax mill-Għ.K.N.K.M. (A/6/1)

4.1.2. Saret referenza għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u l-Kunsill ġie mgħarraf li fit-8 ta' Ottubru 2008 saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill li għaliha kienu preżenti Dr Chris Ciantar is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, delegazzjoni mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa magħmula mis-Sinjuri Francis Borg, Rueben Cauchi u Edwin Vella. Għan-naħa tal-Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku Robert Cutajar, il-Viċi Sindku Emvin Bartolo, il-Kunsillier Joseph Azzopardi u s-Segretarju Eżekuttiv Carmel Debono.

4.1.3. Is-Sindku qal li fil-laqgħa tat-8 ta' Ottubru huwa għamilha ċara ma' dawk preżenti li l-Kunsill qed jappoġġja l-Pjan tat-Tmexxija li ser jiġi mressaq lill-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali u lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Artijiet u Erarji Pubbliċi.

4.1.4. Is-Sur Rueben Cauchi għarraf illi l-Għaqda m'għandha ebda intenzjoni li tirrendi l-artijiet l-artijiet esklussavament għall-membri tagħha u għalhekk ser jibqgħu aċċessibbli għall-pubbliku.

4.1.5. Dr Ciantar aċċenna għal skema li permezz tagħha jistgħu jibbenefikaw minnha NGO's billi jiġu sekondati magħhom persuni mpjegati mal-Gvern. Huwa qal ukoll li l-proġett ta' Għ.K.N.K. jista' jibbenefika wkoll mill-Programm LIFE ta' l-Unjoni Ewropea u għalhekk ippropona lill-Għaqda sabiex isir kuntatt ma' l-uffiċjal konċernat fil-Ministeru sabiex ikunu iġġwidati aħjar fl-applikazzjoni li tista' issir aktar 'il quddiem.

4.1.6. Is-Sur R. Cutajar qal li wara l-laqgħa mal-Kunsill kien hemm oħra fis-17 ta' Ottubru 2008 mal-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali – il-Perit George Pullicino – li fost suġġetti oħra ġie trattat it-tħawwil ta' aktar siġar fl-inħawi tal-Qammieħ. Huwa għarraf ukoll li fil-laqgħa tat-8 ta' Ottubru mad-delegazzjoni tal-Kunsill, l-Għaqda ġiet imħajjra tipparteċipa fit-Tree Planting Weekend, organizzata mill-istess ministeru.

4.1.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Ħarġa Edukattiva (A/5/5/Vol III)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u qal li għall-ħarġa edukattiva tad-9 ta' Ottubru 2008 attendew 104 erba' persuni.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Titjib ta' faċilitajiet fil-*Ground* Ta' Pennellu (S/4/1/3)

4.3.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf intlaħaq ftehim bejn il-Fundazzjoni għall-Iskejjel t'Għada u l-avukati tal-kuntrattur fdati bit-tqegħid tat-turf sabiex jitħallas ix-xogħol kollu li laħaq sar, filwaqt dak li fadal jiġi assenjat permezz ta' *direct order* lill-kuntatturi oħra.

4.3.3. Saret referenza għal ittra datata 17 ta' Ottubru 2008 mibgħuta mill-Mellieħa Sports Club fejn għarrfu lill-Kunsill illi minħabba li ma jistax isir użu mill-*Ground* Ta' Pennellu, qed ikollhom iħallsu biex jużaw faċilitajiet oħra 'il barra mill-Mellieħa. Għalhekk sar appell lill-Kunsill sabiex jgħin finanzjarjament.

4.3.4. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill qed issir pressjoni fuq il-Fundazzjoni bil-għan li x-xogħol jitkompla malajr kemm jista' jkun u b'hekk il-piż finanzjarju fuq il-Mellieħa Sports Club ma jkunx daqshekk kbir.

4.3.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li l-ispejjeż illi qed isiru fil-mument ser jiġu rkuprati aktar 'il quddiem meta l-klabb jibbenefika mid-dħul li jkun hemm hekk kif il-faċilitajiet il-ġodda jkunu jistgħu jintużaw.

4.3.6. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li t-talba tal-Mellieħa Sports Club ma tistax tiġi milqugħa, filwaqt għandhom jiġu nfurmati bil-kuntatti li qed isiru ħalli jitkompla x-xogħol, kif ukoll l-proġett mwettaq mill-Kunsill fil-livellar u l-*floodlighting* tal-*ground*.

### 4.4.1. *National Rural Development Agency (NRDA)* (P/10/1/Vol III)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li twaqqfet l-*Local Action Group North-West (LAG)* u tressqet ir-riżenja mill-NRDA. Sal-data tas-seduta kien issieħbu fiha għaxar kunsilli lokali. Huwa qal li għad hemm oħrajn li huma nteressat li jissieħbu, fosthom dawk ta' Ħad-Dingli u r-Rabat. Is-Sur Cutajar li l-Koperattiva Rurali tal-Manikata ssieħbet ukoll, filwaqt li teżisti koperattiva oħra tal-bdiewa fil-Manikata li x'aktarx li tagħmel l-istess.

4.4.3. Il-Kunsill innota dawn l-iżviluppi.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta' Ottubru 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-12 ta' Settembru u l-15 ta' Ottubru 2008.

6.3. Tressqu wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li sar bejn it-28 ta' Awwissu u s-16 ta' Settembru 2008.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

### 7.1. Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri – Sena Finanzjarja 2007/08 (F/1/2/Vol VI)

7.2. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi l-awditur John Zammit għadda l-ittra ta` direzzjoni għas-sena finanzjarja 2007/2008 lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. L-Awditur Ġenerali talab li din tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill u tingħata tweġiba għaliha.

7.3. L-ittra ta` direzzjoni ġiet moqrija punt, punt u kopja tagħha ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti. Din kienet tittratta s-suġġett segwenti:

- Nuqqas ta` stqarrijiet finanzjarji mill-Kumitat Konġunt f`dak li huwa dħul mis-Sistema ta` l-Infurzar Lokali;
- Debituri konnessi mas-Sistema ta` l-Infurzar Lokali;
- Pagi u Salarji

7.4. Is-Segretarju għadda biex ta spjegazzjoni tal-punti mqajjma mill-awditur u qara abbozz ta` tweġiba li kopja tagħha ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

7.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tat-tweġiba moqri mis-Segretarju u talbu jgħaddieh lill-awditur John Zammit, lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

7.6. Ġie deċiż ukoll li l-kummenti li saru mill-Awditur John Zammit dwar in-nuqqas ta' stqarrijiet finanzjarji tad-dħul tas-Sistema ta` l-Infurzar Lokali, għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Konġunt konċernat.

### 8.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet:

#### (a) Attività ambjentali qrib it-Torri l-Aħmar (A/3/Vol II)

8.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li din l-edizzjoni tal-kampanja *Clean Up Malta* (qabel kienet tissejjaħ *Clean Up The World*) ser tkun mifruxa fuq tliet ijiem 23, 24, 25 ta' October 2008. Minħabba li fil-25 ta' Ottubru, il-Kunsill ser ikun impenjat bil-Konferenza dwar il-Familja, mhux ser ikun possibbli li jipparteċipa fil-Clean Up Malta, iżda ser jagħti sehemu f'attivitá oħra li qed tissejjaħ *Tree Planting Weekend* ġewwa l-Aħrax organizzata mill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fl-14, 15 u 16 ta' Novembru 2008.

8.3. Is-Sur Azzopardi ppropona li għandha ssir kompetizzjoni dwar minn jirnexxielu jiġbor l-akbar ammont ta' kontenituri tal-plastik. Din għandha tkun indirizzata lit-tfal u r-rebbieħa jingħataw *voucher*.

8.4. Is-Sindku R. Cutajar qal li jista' jkun il-każ li t-tħawwil tas-siġar ma jkunx limitat għall-Proġett Foresta 2000, iżda jkun mifrux f'inħawi oħra ġewwa l-Aħrax, minħabba nuqqas ta' spazju. Huwa qal li fl-edizzjoni ta' din is-sena qed jiġu mħajjra jipparteċipaw l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonijisti tal-Mellieħa.

8.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi kompla jgħid li *diving schools* fil-Mellieħa għandhom jitalbu jisilfu l-apparat tagħhom sabiex għaddasa dilettanti jkunu jistgħu jiġbru skart mill-baħar f'postijiet li għad iridu jiġu ndikat.

8.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### (b) Konferenza għall-Komunità Melleħija (M/4/3)

8.7. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti dwar dan is-suġġett u għarraf li s-Sinjura Anna Borg, li ġiet magħżula biex tittratta s-suġġett tal-Mara fid-Dinja tax-Xogħol, ma' tistax tipparteċipa peress li ser tkun imsiefra u għalhekk minflokha ssuġġerixxa li tidħol is-Sinjura Edith O'Connor li qabdet karriera fil-*management*.

8.8. Is-Sur Cutajar qal li s-suġġett tal-kriminalità ser jiġi trattat mis-Sinjorina Therese Sciberras li hija spettur tal-Pulizija fid-distrett tal-Mellieħa. Dwar iż-żwiġijiet imħallta ser titkellem dwar l-esperjenzi tagħha s-Sinjura Pauline Falcone, filwaqt li Mons. Charles Cordina u s-Superjur tal-MUSEUM is-Sur Alfred Borg ser jitkellmu fuq it-tema *"Il-Familja Melleħija tinsab miexja fuq l-istess linja fejn miexja dik Maltija?"*. Is-Sur Joe Vella li huwa pijunier fil-qasam tar-ristoranti fil-Mellieħa, ser jitkellem dwar it-turiżmu.

8.9. Is-Sindku ssuġġerixxa li r-*rapporteurs* tal-*workshop* jkunu ġurnalisti mill-ispettru kollu tal-media f'Malta, li possibilment ikunu residenti jew mill-Mellieħa. Issemmew is-Sur Mario Micallef (PBS), Antoinette Falzon (One TV), Annette Vella (Media Link Communications); David Vella (Maltastar.com); Gaetano Micallef (Orizzont); u Analiza Borg (Malta Independent).

8.10. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-konferenza tingħata bixra ta' *business breakfast* fejn ikun hemm sitt imwejjed b'għaxar persuni 'il waħda li jiġu mqassma skond il-suġġett tal-*workshops*. Huwa qal li ntalbet stima mingħand ir-Ramla Bay Resort, kif ukoll mingħand l-Arches Restaurant. Ta' l-aħħar kienet l-aktar waħda vantaġġjuża li kkwotaw €11.18 kull persuna għall-ikel u l-kafè.

8.11. Ġie propost li l-ħin tal-konferenza jkun imqassam kif ġej:

| | |
|---|---|
| 08.30am | Reġistrazzjoni |
| 09.00am | Ftuħ tal-konferenza |
| 09.10am | Introduzzjoni miċ-Chairperson |
| 09.20am | Diskors minn Fr Charles Cordina / Alfred Borg |
| 10.00am | Diskors mis-Sinjura Edith O'Connor |
| 10.40am | Diskors mill-Ispettur Therese Sciberras |
| 11.30am | Bidu tal-*Workshops* |
| 12.40pm | Waqfa għall-Ikel |
| 13.45pm | Għeluq |

8.12. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### (ċ) Stedina għall-Festa taż-Żejt f'Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

8.13. Is-Sindku fakkar li l-istedina li saret mill-Comune di Cavriglia għall-attività msemmija hija għal bejn il-5 u d-9 ta' Diċembru 2008. Spjega li magħruf illi Cavriglia lesti jipprovdu l-vjaġġi bejn l-ajruport ta' Pisa, kif ukoll l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni għal żewġ persuni. Intqal li qed isiru sforzi biex isiru magħrufa l-ispejjeż l-oħra li hemm rigward il-biljetti ta' l-ajru u l-akkomodazzjoni. Is-Sur R. Cutajar staqsa dwar minn mill-Kunsillieri jixtieq jattendi.

8.14. Il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri J. Azzopardi, J. Buttigieg, P. Cutajar, u H. Fenech wrew l-intenzjoni li jattendu. Is-Sindku R. Cutajar, filwaqt li wera d-dubji tiegħu kemm huwa ser ikun jista' jattendi minħabba impenn ieħor, ippropona li tattendi wkoll is-Sinjura M. Azzopardi mis-Segretarjat tal-Kunsill. Huwa ppropona li persuni oħra illi jixtiequ jattendu għandhom jingħataw l-opportunità biex jakkompanjaw id-delegazzjoni tal-Kunsill.

8.15. Il-Kunsill iddeċieda li minħabba raġunijiet ta' loġistika u spejjeż għandu jsir sforz li din tkun waħda pprovduta mil-linja ta' l-ajru Ryanair lejn il-belt ta' Pisa. Kien hemm qbil li l-biljetti ta' l-ajru jipprovdihom il-Kunsill.

### (d) Attività Milied Mellieħi (A/5/3/4)

8.16. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-attivitajiet marbuta mal-Suq tal-Milied (*Christmas Market*) ikunu mifruxa fuq tmint ijiem, bejn id-19 u s-26 ta' Diċembru 2008. Is-Sur R. Cutajar qal li bħal fil-każ ta' l-Iljieli Melleħin għandu jsir appell sabiex dawn l-attivitajiet jittellgħu bil-koperazzjoni sħiħa ta' l-għaqdiet volontarji Melleħin. Minħabba din ir-raġuni saret laqgħa għalihom fl-14 ta' Ottubru 2008, fejn ingħataw ħjiel dwar il-kontenut tas-Suq Mellieħi. Bħala riżultat ta' din il-laqgħa, l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, il-Mellieħa Scount Group u l-Għaqda Nisa Ferrieħa diġa wrew interess li jipparteċipaw.

8.17. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li għaddejjin kuntatti mas-Sindku ta' Adenau Bernd Schiffarth sabiex jinġiebu numru ta' żkuk tas-siġar sabiex jinxtgħelu bħala fjakkoli. Il-prezz tagħhom jammont għal €10 li nofshom ser jiġu sussidjati mill-Kunsill Lokali ta' Adenau, filwaqt li t-trasport tagħhom minn Bonn fil-Ġermanja sa Malta ser jiġi pprovdut mingħajr ħlas mid-ditta Express Trailers Ltd.

8.18. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li s-Sinjorina Alexia Vella qed taħdem fuq it-tħejjija ta' *logo* li jinkorpora fih siġra tal-Milied bl-arma tal-kunsill lokali bħala sfond.

8.19. Sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet ma jiġux imxekkla mit-temp, is-Sindku ppropona li tintrama tinda li tokkupa parti minn Misraħ il-Parroċċa. Huwa għarraf li mill-istimi miġbura jirriżulta li mill-inqas biex tintrama tinda ta' 15-il metru b'40 metru, tkun tinvolvi spiża ta' €4,720. Is-Sur Cutajar qal li huwa fiduċjuż li parti kbira minn din in-nefqa tinġabar minn *sponsorships*. Ġew ippreżentati b'kollox tliet stimi minn ditti differenti.

8.20. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa mis-Sindku.

## 9.1. Inizjattivi finanzjati permezz ta' programmi ta' l-Unjoni Ewropea (P/10/1/Vol III)

9.2. Is-Sindku għarraf li għaddejjin kuntatti mal-European Union Programmes Agency (EUP) fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Huwa qal li qed tiġi misħarrġa l-possibiltà , li studenti mill-MCAST jkunu nvoluti fi proġett taħt il-Youth Initiative Programme, filwaqt li tletin persuna oħra mill-lokal, ġejjin minn għaqdiet diversi ser ikunu mistiedna sabiex iżuru Ċipru, il-Fillandja u d-Danimarka. Dan il-programm jissejjaħ Mobility, li jitrattati suġġetti bħal l-arti, mużika, agrikoltura, artiġġjanat u sports. Għaldaqstant jridu jiġu identifikati persuni li n-numru tagħhom ma jaqbisx tletin illi jkunu jistgħu jattendu biex jitgħallmu minn esperjenzi ta' nies oħra fl-istess qasam. Dawn iż-żjajar ikunu ffinanzjati permezz tal-Lifelong Leanring Programme Leonardo Da Vinci ta' l-Unjoni Ewropea.

9.3. Is-Sur R. Cutajar kompla jispjega li l-EUP tista' talloka *budget* sa Euro 10,000, filwaqt li l-proġett jeħtieġ li jitwettaq f'perjodu ta' tnax-il xahar. Is-Sindku ppropona li jekk isir sforz biex ix-xogħlijiet tal-parteċipanti jitlesta fi żmien disa' xhur, l-istess xogħlijiet jkunu jistgħu jiġu esibiti fl-edizzjoni ta' l-Iljieli Melleħin ta' Settembru 2009.

9.4. Permezz ta' l-istess proġett hemm marbuta proposta sabiex jiġu mtejjba l-faċilitajiet tat-teatru grieg li hemm fi Ġnien il-Qiegħan. Dan jista' jsir billi jintrama *stand* biex fuq jintramaw id-dwal meta jkun meħtieġ, kif ukoll isiru seats għall-ispettaturi.

9.5. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 10.1. *Ħal Ferħ Development Brief* (P/5/1/Vol III)

10.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuti tal-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-pubbliku dwar l-abbozz tal-*Ħal Ferħ Development Brief* li saret fil-Manikata fit-8 ta' Ottubru 2008. Huwa qal li fis-17 ta' Ottubru 2008 saret laqgħa simili għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi, li għaliha attenda wkoll is-Sindku R. Cutajar.

10.3. Is-Sur Buttigieg spjega li l-opinjoni ġenerali espressa f'din il-laqgħa kienet, li għandhom jiġu sfruttati niċeċ fl-industrija tat-turiżmu bl-iżvilupp ta' villaġġ ekoloġiku, li jappella għal turiżmu partikulari, minħabba li ambjent rurali ta' Għajn Tuffieħa. Biex dan il-kunċett jintlaħaq, il-bini kollu għandu għandu jkun mhux iktar għoli minn sular wieħed. Huwa qal ukoll li fost dawk preżenti kien hemm lukandier li esprima d-dubji tiegħu kemm proġett ta' din ix-xorta jkun vijabbli.

10.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-kunċett ta' villaġġ ekoloġiku ma jmurx kontra, il-punti imqajjma fl-ittra li ntbagħtet lill-MEPA tal-10 ta' Lulju 2008, kif ukoll dawk mqajjma fil-laqgħa tal-Manikata li saret fit-8 ta' Ottubru 2008. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-MEPA għandha tintalab tikkonsidra l-implementazzjoni tal-proġett fuq linji li jirrispettaw l-ambjent tal-madwar. Is-Segretarju ntalab jipprepara ittra sabiex tintbagħat lill-MEPA li tiġbor fiha l-punti kollha li hemm qbil fuqhom minn naħa tal-Kunsill.

## 11.1. Qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq Toni Pace (T/4/13/Vol VIII)

11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sur James Gouder fetaħ kawża fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-Kunsill Lokali Mellieħa u Central Asphalt Ltd dwar l-alleġat xogħol li ma sarx skond l-arti u sengħa fi Triq Toni Pace, tant li l-ilma tax-xita qed allegatament jikkawża danni fir-residenza tiegħu f'Nru. 61.

11.3. Is-Sindku u l-Kunsillier P. Cutajar ipproponew illi jsir il-*culvert* għall-ilma tax-xita li kien ġie mwiegħed liż-żewġ residenti li qed jilmentaw mil-livelli tat-triq.

11.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fid-dawl ta' l-aħħar żviluppi huwa ma jaqbilx li għandu jsir ebda xogħol. Qal ukoll li Gouder itenni li l-*culvert* mhux soluzzjoni għall-problema ta' l-ilma tax-xita li jidħol fil-proprjeta` tiegħu.

11.5. Is-Sindku rrefera wkoll għal ittra datata l-1 ta' Ottubru 2008, mibgħuta mill-Awtorità tat-Trasport dwar l-istess każ, liema ittra ġiet moqrija lill-Kunsill.

11.6. Billi ma kienx hemm qbil dwar ix-xogħol tal-*culvert*, il-Kunsill iddeċieda li qabel jipproċedi għandu jieħu parir legali.

## 12.1. Rondi minn Gwardjani Lokali Pajżana (W/3/Vol X)

12.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li l-Kumitat Konġunt Tramuntana introduċa servizz permezz ta' Gwardjani Lokali pajzana bil-għan li jsir infurzar tal-liġi f'dak li jirrigwarda rimi ta' skart, ħmieġ tal-klieb eċċ. Kull kunsill intalab jindika postijiet li l-aktar jirrikjedu dan it-tip ta' infurzar. Huwa spjega wkoll li ser ikun hemm servizz ta' erba' siegħat fil-ġimgħa bi spiża ta' Euro 12 fis-siegħa, liema spejjeż ser jitħallsu mill-fond tar-riżerva. Is-Sur Bartolo spjega li kemm-il darba dan is-servizz iħalli riżulti tajbin ikun jista' jiġi introdott fuq bażi permanenti.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Injezzjonijiet ta' l-influwenza (M/8/Vol III)

13.2. Is-Sindku għarraf li sad-data tas-seduta kienu applikaw 765 peruna, li għandhom 'il fuq minn 55 sena, biex jieħdu l-injezzjoni ta' l-influwenza. Kompla jgħid li din id-darba ser jingħataw fil-berġa l-ġdida fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Saru arranġamenti mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika sabiex l-injezzjonijiet jingħataw qabel lokalitajiet oħra peress illi s-Sur Philip Bezzina ser ikun imsiefer u għalhekk dawn ser jingħataw mis-27 sal-31 ta' Ottubru 2008. Għal darba oħra, is-Sur Bezzina ser joffri s-servizzi tiegħu mingħajr ħlas,

13.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 14.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol II)

14.2. Is-Sindku għarraf li ser jibdew serjè ġdida ta' korsijiet tal-komputer għal studenti ta' diversi etajiet. Huwa qal li qed jiġi negozjat ftehim mad-ditta TCTC Ltd li jipprovdi għall-massimu ta' 150 student għall-perjodu Novembru 2008 sa Marzu 2009 bi ħlas ta' €1,100. Biex ikun jista' jirkupra din l-ispiża l-Kunsill ser jitlob ħlas ta' €20, li €5 minnhom jmorru biex jinxtraw in-noti li jitqassmu waqt il-kors. Is-Sur R. Cutajar qal li ser issir laqgħa fit-30 ta' Ottubru 2008 għal dawk kollha li applikaw.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta kif spegata aktar 'il fuq.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta'  Novembru 2008 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |